# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnjen, 10 ta' Jannar 2022**

**Talba Nru: 38/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**ASE Electrical and Plumbing Supplies Limited (C 64865)**

**Vs**

**Buy Sell Rent Co Limited (C 82396)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Frar 2021, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna s-soċjetá konvenuta tħallasha l-ammont ta' elf, erba' mija, disgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,479.47) rappreżentanti merkanzija mibjugħa u mhux imħallsa hekk kif aħjar deskritt fl-istess Avviż tat-Talba[1]. Intalab ukoll l-imgħax kummerċjali;

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Dok A u Dok B eżebiti a fol 3 u 4 rispettivament.

Ra li s-soċjetá konvenuta ġiet debitament notifikata[3] iżda la ppreżentat risposta fit-terminu li trid il-liġi u lanqas rreġistrat dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021[4];

Ra l-kapitolu[5] li ġie ppreżentat fil-konfront tas-soċjetá konvenuta, liema kapitolu ġie dikjarat bħala mistqarr fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2021[6];

Sema' x-xhieda ta' Alan Soler[7];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, is-soċjetá konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[8]. Apparti minn dan, it-Tribunal ġie offrut ukoll prova pożittiva kontra s-soċjetá konvenuta u dan bil-preżentata tal-kapitolu[9], liema kapitolu ġie dikjarat bħala mistqarr.

[3] Timbru relattiv jinsab a tergo ta' fol 17 tal-proċess.
[4] Verbal jinsab a fol 18 tal-proċess.
[5] A fol 19 tal-proċess.
[6] Verbal jinsab a fol 20 tal-proċess.
[7] Mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2021.
[8] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.
[9] Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia miżżewġin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 ngħad li: *"Dan premess,*

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen[10], u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba. L-istess jingħad għal dak li jikkonċerna t-talba għall-imgħax mid-data tal-fattura, ġialadarba t-Tribunal huwa sodisfatt dwar l-aspett kummerċjali bejn iż-żewġ soċjetajiet kontendenti.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elf, erba' mija, disgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,479.47) bl-imgħax legali mill-1 ta' Ġunju 2020[11] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

*jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

[10] Interessanti f'dan il-każ huwa l-fatt taċ-ċekk li ġie mibgħut lura bħala *refer to drawer.* Dwar dan, it-Tribunal jagħmel referenza għal dak li ntqal fuq din it-tematika fis-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fl-ismijiet (inċidentalment jidher lis-soċjetá konvenuta kienet l-istess waħda) **Xuereb Installations Ltd vs Buy Sell Rent Co. Ltd,** (Talba Nru: 247/2020 KCX) mogħtija nhar id-29 ta' Settembru 2021 (mhux appellata).

[11] Data tal-fattura relattiva a fol 3 tal-proċess u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.